

Il-baġit tal-UE għall-2017 approvat mill-Kunsill

Fit-28 ta' Novembru 2016, il-Kunsill ta l-kunsens finali tiegħu għall-baġit tal-UE għall-2017 billi approva l-ftehim milfuq mal-Parlament Ewropew fis-17 ta' Novembru. Jekk il-Parlament japprova l-ftehim fil-votazzjoni tiegħu fl-1 ta' Diċembru, il-baġit tal-UE għall-2017 jitqies bħala adottat.

"Il-baġit tal-UE għall-2017 huwa pjan ta' azzjoni għall-futur. Huwa vijabbli, iffukat u jixhed solidarjetà. Dan jitratta t-tħassib ewleni taċ-ċittadini billi jindirizza l-isfidi tal-migrazzjoni, isahha is-sigurtà, jagħti spinta lit-tkabbir u jgħalluq l-impjieg. U jipprevedi żidiet sinifikanti għal programmi bħal Erasmus+ li minnu jibbenefikaw b'mod partikolari ż-żgħażaġh", qal is-Sur Ivan Lesay, Segretarju tal-Istat għall-Finanzi tas-Slovakkja u President tal-Kunsill.

Il-baġit tal-UE għall-2017 jinkludi €157.86 biljun f'impenji, b'marġni ta' flessibilità ta' €1.1 biljun għal reazzjonijiet għall-ħtiġijiet imprevisti. Il-flusijiet huma stabbiliti għal €134.49 biljun, li huwa 1.6% aktar baxx mill-baġit tal-UE għall-2016 wara li jiġu allinjati għall-ħtiġijiet reali.

Rati ta' tkabbir b'żewġ ċifri għal prijoritajiet ewlenin

Rati ta' tkabbir b'żewġ ċifri huma pprovduti għal numru ta' prijoritajiet ewlenin:

- madwar €6 biljun f'impenji u għalhekk **madwar 11.3% aktar** milli fl-2016 ser ikunu disponibbli **biex tiġi indirizzata l-pressjoni migratorja u biex il-ħajja taċ-ċittadini Ewropej tkun aktar sigura**; il-flus ser jgħinu lill-istati membri fir-risistemazzjoni tar-refuġjati, biex jinħolqu ċentri ta' akkoljenza, jiġu integrati l-persuni li għandhom id-dritt jibqgħu fil-pajjiż u għar-ritorn ta' dawk li ma m'għandhomx dan id-dritt; ser jikkontribwixxu wkoll biex tissaħħa il-protezzjoni tal-fruntieri, jiġu intensifikati l-prevenzjoni tal-kriminalità u l-attivitajiet ta' ġlieda kontra t-terroriżmu u tiġi protetta l-infrastruttura kritika
- Qed jiġu mobilizzati €21.3 biljun f'impenji biex **tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u jinħolqu impjieg ġodda** taħt is-subintestatura 1a (kompetittività għat-tkabbir u l-impjieg); Din hija **żieda ta' madwar 12%** meta mqabbel mal-2016; din il-parti tal-baġit tkopri strumenti bħal **Erasmus +**, li **jiżdied bi 19 %** għal €2.1 biljun u l-**fond Ewropew għal investimenti strateġiċi** li jgħallu b'25 % għal €2.7 biljun

Aktar flus għaż-żgħażaġh

Minbarra ż-żieda sinifikanti għal Erasmus +, il-baġit tal-UE għall-2017 jagħti wkoll riżultati pożittivi f'għadd ta' miżuri oħra li jibbenefikaw liż-żgħażaġh b'mod partikolari. Dan jinkludi l-inizjattiva favur l-impjieg taż-żgħażaġh li għaliha huma disponibbli **€500.00 miljun addizzjonali biex jgħinu liż-żgħażaġh isibu impjieg**. Il-baġit tal-UE għall-2017 jippermetti wkoll lill-Kummissjoni tniedi inizjattiva biex **tgħin liż-żgħażaġh jivvjaġġaw u jiskopru pajjiżi Ewropej oħra**.

Il-baġit tal-UE għall-2017 jinkludi wkoll il-pakkett ta' għajjuna ta' €500.00 miljun imħabbar f'Lulju biex jingħata appoġġ lill-bdiewa fis-settur tal-ħalib u dawk li jrabbu l-bhejjem.

Intestaturi	Baġit tal-UE għall-2017 (f'miljuni ta' €)	
	Impenji	Pagamenti
1. Tkabbir intelliġenti u inklużiv	74,899	56,522
- 1a. Kompetittività għat-tkabbir u l-impjieg	21,312	19,321
- 1b. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali	53,587	37,201
2. Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali	58,584	54,914
3. Sigurtà u ċittadinanza	4,284	3,787
4. Ewropa Globali	10,162	9,483
5. Amministrazzjoni	9,395	9,395
Strumenti speċjali	534	390
TOTAL	157,858	134,490

Il-passi li jmiss

Il-baġit tal-UE għall-2017 huwa mistenni li jiġi adottat formalment mill-Parlament fl-1 ta' Diċembru. Jekk il-Parlament jirrifjuta l-ftehim, il-Kummissjoni għandha tipproponi abbozz ġdid ta' baġit tal-UE għall-2017. Jekk il-baġit ma jiġix adottat fil-bidu tal-2017, somma

ekwivalenti għal mhux aktar minn wieħed minn kull tnax tal-appropriazzjonijiet tal-baġit għall-2016 jew tal-abbozz ta' baġit propost mill-Kummissjoni, skont liema jkun l-inqas, tista' tintefaq kull xahar għal kull kapitolu tal-baġit.

- [EU budget 2017](#)
- [Is-sit web tal-Kunsill dwar kwistjonijiet baġitarji](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press